IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA B'URĠENZA NUMRU G 20**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tnejn 28 ta' April 2014 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**1.00 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2013**

1.01 Is-Sindku Charles Azzopardi u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw fuq il-mejda tal-Kunsill l-*Audit Financial Statements* għas-sena 2013 kif ġew aġġustati l-awdituri tal-kumpanija 3a, liema *accounts* jinsabu annessi ma' dawn il-minuti. *Audit Financial Statements* għas-sena 2013

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Paul Bugeja sabiex jispjega l-aġġustamenti li saru.

** Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u l-Kunsillier Ian Vassallo daħlu għal-laqgħa fis-7.12 ta' filgħaxija.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

Wara li l-*accountant* tal-Kunsill għamel l-ispjegazzjonijiet tiegħu u ma kienx hemm iktar domandi, is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li dawn l-*Audit Financial Statements* jiġu approvati. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill approva unanimament.

1.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ...it-Tlieta... ...27... ta'...Mejju... 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**